# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016

Appell Nru: 206/2014

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Raymund Zammit**

**Silvana Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati Raymund Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 250659M, u Silvana Zammit, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 690061M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-xoghol talli:

1. fil-kapacita' taghhom personali u/jew bhal diretturi tal-kumpanija Ta' Dwardu Limited kif ukoll bhala klijenti li ghalihom qieghed isir xoghol nhar it-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), matul il-gurnata u/jew fil-granet ta' qabel fis-sit ta'

kostruzzjoni sitwat fi Triq Guze' Galea, Qormi naqsu milli jwettqu d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet taghhom bhala klijenti;

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jwiegbu u jaghtu l-ahjar taghrif taghhom ghal mistoqsijiet maghmula minn ufficjal tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol fit-twettiq tad-dmirijiet tieghu u/jew naqsu milli jghinu lill-ufficjal fit-twettiq tad-dmirijiet tieghu;

3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jahtru supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni; u

4. fl-istess lok, zmien u cirkostanzi naqsu li jizguraw li qabel ma jibda x-xoghol fuq is-sit ta' kostruzzjoni, isir pjan ta' sahha u sigurta'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' April, 2014, li permezz taghha wara li rat l-Artikoli 6(1), 3(1), 4(2) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29) u Artikolu 38(2) tal-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputati hatja u lliberathom minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 2014, li bih talab lil din il-Qorti **<u>thassar</u>** s-sentenza fejn sabet lill-appellati Raymund Zammit u Silvana Zammit mhux hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontrihom u minflok **<u>tghaddi sabiex issib lill-istess appellati hatja tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront taghhom</u>** u tinfliggi dik il-piena idonea u ekwa fic-cirkostanzi kollha tal-każ odjern;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti jemergi illi fit-2 t'Awissu 2012, ufficcjal tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' ghamel spezzjoni fuq sit ta' kostruzzjoni u hemm kkonstata xi nuqqasijiet u kien infurmat li ma kien hemm hadd ghan-nom tas-sid li kien qed jiehu hsieb is-sahha u sigurta' tal-post. Fuq talba tieghu l-haddiema cemplu lis-sid u fuq il-post nizel certu Raymond Zammit li kkonferma li l-proprjeta kienet tappartjeni lilu pero' kien inkariga lill-kuntrattur Charles Azzopardi ghall-kostruzzjoni kompriz li jiehu hsieb l-kwistjonijiet kollha ta' sigurta. Zammit kien wiegeb li ma kienx appunta projects supervisor ghall-istadju tad-disinn u ghall-istadju tal-ezekuzzjoni tal-progett u ghalhekk ordna l-waqfien tax-xogholijiet sakemm is-sid jottempera ruhu mal-ligi. Ftit jiem wara, s-sid inghata permess ikompli bix-xogholijet wara li s-sid rregolarizza ruhu;

2. L-ewwel Qorti ma sabet l-ebda htija fl-appellati u lliberathom minn kull imputazzjoni. Is-sentenza ma takkludi ebda konsiderazzjoni ghal-tali liberazzjoni u l-ewwel Qorti setghet taghmel hekk la darba l-procedura hija wahda sommarja;

3. L-ewwel Aggravju tal-Avukat Generali hu li minkejja li l-kuntrattur kien hatar supervisor tal-progett, il-klijent kellu xorta wahda jahtar supervisor skond il-ligi. Qabel kull konsiderazzjoni ohra huwa opportun li jkun rilevat illi l-ligi regolanti l-kwistjoni odjerna hija l-Avviz Legali 281 tal-2004 maghmula taht il-Kapitolu 424 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk katalogat bhala SL.424.29 u imsejjah Regolamenti Dwar Il-Post Tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi Tas-Sahha u S-Sigurta' Tax-Xoghol F'Siti Ta' Kostruzzjoni). Il-kelma "klijent" hija

mfissra bhala l-persuna naturali jew legali ghal min iwettaq progett u skond ir-regolament numru 3, il-klijent huwa fid-dmir li jahtar, ghal-kull progett, *supervisor* tal-progett ghall-istadju tad-disinn u *supervisor* tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni. Dan ir-regolament jippermetti lill-klijent inniffsu li jagixxi ta' *supervisor* dment li jkun kompetenti kif ukoll li jqabbad persuna wahda li tagixxi ghaz-zewg doveri. L-Avukat Generali izda qieghed jargumenta illi l-klijent, allura l-appellati, kienu fid-dover li jahtru tali *supervisor* anke jekk il-kuntrattur taghhom kien hatar hu persuna f'dik il-kapacita;

4. L-argument tal-Avukat Generali hu bazat fuq r-regolament 6 tal-Avviz Legali li jirravviza li minkejja li l-klijent ikun hatar *supervisor* tal-progett huwa ma jehlisx mir-responsabilitajiet tieghu f'dak ir-rigward. Dan ma jistghax ifisser, kif qed jistenna l-Avukat Generali, illi meta l-klijent ikun hatar *supervisor*, anke jekk bil-forma ta' delega bhal fil-kaz meta l-kuntrattur tieghu jiehu dan l-inkarigu, xorta wahda ghandu jahtar *supervisor* iehor. Ifisser biss illi anke jekk ikun hatar *supervisor* , il-klijent, allura l-persuna li twettaq il-progett, tibqa' xorta wahda responsabbli ghal obbligi kollha naxxenti mir-regolamenti. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. It-tieni aggravju tal-Avukat Generali jitratta dwar it-tieni imputazzjoni, igifieri dik li l-appellati naqsu milli jaghtu d-dettalji taghhom lill-ufficcjal tal-OHSA meta hekk mitluba minnu. Din il-Qorti ma tara ebda rabta mal-parti introduttorja ta' dan l-aggravju meta jghid illi l-ligi in mertu tqieghed l-oneru fuq l-imputat sabiex juri li ghamel dak kollu ragjonevoli biex jaderixxi mal-obbligi tieghu. Mill-provi mismugha minn din il-Qorti, l-appellant ghandu ragun in parti dwar dan ghaliex skond Clint Cachia meta talab id-dettalji tal-appellat Raymund Zammit, huwa rrifjuta u telaq minn fuq il-post u hemmhekk kien infurmat li kienet ser tintalab l-assistenza tal-Pulizija. L-appellata Silvana Zammit, izda ma kienitx fuq is-sit dak il-hin u anqas biss issemmiet mix-xhud ufficcjal tal-OHSA u ghalhekk mghandhiex tinsab hatja ta' din l-imputazzjoni;

6. Fit-tielet aggravju, u hawn jidher li l-appellant ried jghid it-tielet imputazzjoni, l-Avukat Generali jargumenta illi l-appellati kienu naqsu milli jahtru *supervisor* tad-disinn u *supervisor* tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u li anke hawn, l-appellati naqsu milli jressqu dawk il-provi biex jirribattu tali imputazzjoni. Din il-Qorti izda ma tistax tifhem kif fl-ewwel aggravju l-appellat jghid illi kien mahtur *supervisor* mill-kuntrattur u issa qed jghid l-oppost. Anke jekk il-provi juru mod iehor, din il-Qorti trid timxi fuq il-gravami kif esposti mill-appellant u ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha takkolji dan l-argument;

7. L-appellant imbaghad jestendi l-argumenti tieghu ghal-fuq ir-raba imputazzjoni, igifieri dik li l-appellati naqsu milli jhejju pjan ta' sahha u sigurta' qabel ma jibda x-xoghol u dan fit-termini tar-regolament (4)(2) tal-Avviz Legali in diskussjoni. Dan jirrizulta sia mid-deposizzjoni ta' Clint Cachia kif ukoll mid-dokument a fol 10. Dan id-dokument, skond Clint Cachia, kien sottomess mill-appellat Raymund Zammit wara l-ispezzjoni fuq is-sit u wara li kienet inghatat ordni ta' waqfien mix-xoghol u jgib id-data tas-7 t'Awwissu 2012. F'dan id-dokument msejjah Construction Notification Form, Ray Zammit ghan-nom ta' Ta' Dwardu Ltd, jiddikjara illi huwa l-klijent ghal-fini tal-AL281/2004. Marbut ma' dan hemm il-kontro ezami tal-PL Quentin Tanti li ghan-nom tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan il-Malta Financial Services Authority esebixxa kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Ta' Dwardu Ltd. L-abbli avukat difensur tal-appellati irrileva illi fejn f'dan id-dokument hemm indikat li l-appellati huma shareholders u diretturi ma hemmx il-firma taghhom u ghalhekk dan id-dokument ma jiswiex bhala prova tar-rappresentanza taghhom fl-istess socjeta. Il-PL Tanti kkonferma li dan huwa vera kopja tad-dokument originali mizmum fl-arkivji tal-Awtorita';

8. Dwar dan irid jinghad illi l-imputazzjonijiet odjerni ingiebu kontra l-appellati fil-kwalita personali taghhom u/jew bhala diretturi tal-kumpanija Ta' Dwardu Limited. Din il-Qorti tifhem kif l-ewwel

Qorti qabilha ghaddiet biex tillibera lill-appellati la darba prova daqstant importanti kienet monka. Huwa minnu illi r-regolament 12 jitfa' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat izda dan l-oneru huwa dwar xi nuqqas ta' xi harsien ta' xi dmir jew rekwizit tar-regolamenti. Ma huwiex korrett li l-prosekuzzjoni tistenna lill-imputat iressaq hu l-provi indispensabbli ghal-process bhal dan. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni illi tipprova li fid-data in kwistjoni kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni, minghajr ma qabel kien mahtur *supervisor* u minghajr ma kien sottomess pjan ta' sahha u sigurta' u dan mill-klijent. F'dan il-kaz il-klijent kien Ta' Dwardu Limited u ghalhekk fil-minimu kien mehtieg li jkun pruvat illi l-appellati huma persuni li ghandhom f'idejhom it-tmexxija ta' tali socjeta. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova jitrasferixxi ruhu fuq l-appellati izda il-prova tad-direttorat taghhom baqghet ma saritx. Dan l-aggravju ma jistghax ikun milqugh;

9. Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tkun riformata b'dan illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-Silvana Zammit hatja u lliberatha minn kull imputazzjoni; tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat Raymund Zammit hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni u lliberatu minnhom u thassarha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni u minflok, wara li rat l-artikolu 38(2)(e) u (3) tal-Kapitolu 424 tal-ligijiet ta' Malta issib lill-appellat Raymund Zammit, hati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €465.87.